



Brussell, 8 ta' Ottubru 2024  
(OR. en)

13332/24

LIMITE

CORLX 881  
CFSP/PESC 1279  
RELEX 1100  
MOG 124

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil-gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar I-Aħmar

## **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran  
għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati  
u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1.

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/1529.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li kieku l-Iran kellu jittransferixxi missili ballistiċi u teknoloġija relatata lir-Russja għall-użu kontra l-Ukrajna wara li jkun ipprovda lir-reġim Russu vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), li jintużaw f'attakki bla waqfien kontra l-popolazzjoni ċivili fl-Ukrajna, l-Unjoni tkun lesta tirrispondi malajr u f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluż b'miżuri restrittivi ġodda u sinifikanti kontra l-Iran. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-aċċess tar-Russja għal oġġetti u teknoloġiji sensittivi b'rilevanza għall-kampijiet tal-battalja jrid ikun ristrett kemm jista' jkun, inkluż billi jiġu mmirati entitajiet fpajjiżi terzi li jippermettu c-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew appella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex iħejju aktar sanzjonijiet kontra l-Belarussja, il-Korea ta' Fuq u l-Iran.

- (3) Fit-13 ta' Settembru 2024, fid-dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni, l-Unjoni kkundannat bil-qawwa t-trasferiment reċenti ta' missili ballistiċi magħmula fl-Iran lejn ir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara li dak it-trasferiment kien theddida diretta għas-sigurtà Ewropea u rrappreżenta eskalazzjoni materjali sostantiva fir-rigward ta' forniment ta' UAVs u munizzjon Iranjani, li r-Russja kienet użat fil-gwerra illegali ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli ddikjara li l-Unjoni lesta tirrispondi malajr u f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluż b'miżuri restrittivi ġodda u sinifikanti kontra l-Iran, inkluż id-deżinazzjoni ta' individwi u entitajiet involuti fil-programmi ta' missili ballistiċi u droni tal-Iran, u f'dan ir-rigward kienet qed tikkunsidra wkoll miżuri restrittivi fis-settur tal-avjazzjoni tal-Iran.
- (4) Ir-Russja qed tuża UAVs magħmula fl-Iran b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li tikser is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż kontra l-persuni ċivili u l-infrastruttura ċivili. Il-programm Iranjan sponsorjat mill-istat għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' UAVs għalhekk jikkontribwixxi għall-ksur tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali.
- (5) Il-programm tal-missili Iranjani, li huwa bbażat fuq kumpaniji tal-istat kif ukoll privati u jibbenfika minn kapaċitajiet ta' riċerka domestiċi, huwa mmexxi mill-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, li t-tnejn li huma huma sanzjonati mill-Unjoni.

- (6) It-trasferiment ta' UAVs u missili magħmula fl-Iran u teknoloġiji relatati u komponenti tagħhom lejn ir-Russja u gruppi mhux statali armati fil-Lvant Nofsani u lil hinn huwa kwistjoni ċentrali ta' tħassib. L-Iran ittrasferixxa UAVs u missili u teknoloġiji relatati magħmula fl-Iran u komponenti tagħhom lir-Russja, inkluż bl-użu ta' linji tal-ajru.
- (7) Għalhekk, huwa xieraq li jiġu ddeżinjati tliet linji tal-ajru Iranjani li ripetutament ittrasferew lir-Russja UAVs magħmula fl-Iran u teknoloġiji relatati, li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk id-deżinjazzjonijiet huma mmirati u jfittxu li jiskoraġġixxu politiki u attivitajiet spċifici Iranjani. L-Unjoni m'għandhiex l-intenzjoni li timpedixxi b'mod ġenerali t-traffiku tal-ajru jew il-kuntatti bejn il-persuni bejn l-Unjoni u l-Iran.
- (8) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li seba' persuni u seba' entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1529 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat kif ġej:

(1) 1-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"13.	Behnam SHAHRIYARI	Behnam شهریاری (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): uffiċjal fl-Unità 190 tal-Forza Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Data tat-twelid: 1968 Nazzjonalită: Iranjana Sess: raġel Numru tal-passaport: D10007350;K47248790	Behnam Shahriyari huwa uffiċjal prominenti tal-Unità 190 tal-Forza Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), involut fl-aspetti loġistiċi tat-trasferiment tal-armi, inkluż rokits u missili, lil gruppi armati allinjati mal-Iran fis-Sirja, il-Libanu, l-Iraq u t-Territorji Palestinjani Okkupati. Għaldaqstant, Behnam Shahriyari huwa involut fit-trasferiment ta' missili lil gruppi armati u entitajiet li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
14.	Ali SHADMANI	على شادمانی (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): viċi koordinatur tal-Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG)  Post tat-twelid:  Hamedan, l-Iran  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel  Entitajiet assoċjati: Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG)	Ali Shadmani huwa l-viċi koordinatur tal-Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG) tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkat mill-UE u għalhekk huwa assoċjat ma' entità elenkata mill-UE.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Il-KCHG hija l-entità ċentrali fil-katina ta' kmand tal-forzi armati tal-Iran li tagħmel deċiżjonijiet militari operazzjonali, u tikkoordina bejn l-armata konvenzjonali tal-Iran (Artesh) u l-IRGC, li t-tnejn li huma jakkwistaw kif ukoll jiskjeraw inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaqg (UAVs). Il-missjoni tal-KCHG hija li tissorvelja l-operazzjonijiet offensivi u difensivi, inkluż permezz tal-kwartieri ġenerali reġjonali u tematiċi tagħha, bħal dawk fil-Golf Persjan u fil-Golf tal-Oman, li jirrapportaw lill-kwartieri ġenerali ewlenin. Hija responsabbli wkoll għall-ippjanar u l-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet militari konġunti, inkluż provi. Billi għandha preċedenza fuq l-IRGC u Artesh fil-katina tal-kmand, u b'hekk tissorvelja l-forzi armati u l-intelligence kollha tal-Iran, u l-Khatam al-Anbiya Construction Headquarters elenkata mill-UE, il-KCHG tinsab fil-qalba tal-forzi militari tal-Iran u hija involuta fl-iżvilupp tal-programm tal-UAVs tal-Iran.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				<p>Bħala viċi koordinatur tal-KCHG, Shadmani ilu jippromwovi b'mod attiv il-kapaċitajiet ta' difiża tal-Iran, inkluż id-droni u l-missili, f'diversi okkażjonijiet, inkluż fir-Russja, tul dawn l-aħħar snin.</p> <p>Għaldaqstant, Ali Shadmani huwa assoċjat ma' entità elenkata mill-UE involuta fil-programm tal-UAVs u tal-missili tal-Iran u huwa involut fit-trasferiment tal-UAVs lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
15.	Ali JAFARABADI	على جعفر آبادی (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): kmandant tad-Diviżjoni tal-Ispazju tal-Aerospace Force tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)  Data tat-twelid: 1975  Post tat-twelid:  Iran  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel	Ali Jafarabadi huwa l-kmandant tad-Diviżjoni Spazjali tal-Forza Ajruspazjali (Aerospace Force) tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).  Id-Diviżjoni Spazjali tal-Forza Ajruspazjali tal-IRGC għandha kontroll operazzjonali fuq diversi sistemi ta' missili Iranjani u involuta fl-iżvilupp u l-illanċjar futur ta' trasportaturi satellitari, li huma essenzjali għall-iżvilupp ta' sistemi ta' missili ballistiċi fuq distanza twila, li l-Iran qed ikompli jiżviluppa.  Għaldaqstant, Ali Jafarabadi huwa involut fl-iżvilupp tal-programm tal-missili tal-Iran.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
16.	Mehdi GOGERDCHIAN	مهدی گوگردچیان (Farsi spelling)	Pożizzjoni(jiet): direttur maniġerjali tal-Iran Aircraft Manufacturing Industries (HESA)  Data tat-twelid: 14.8.1975  Post tat-twelid: Iran  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel  Numru tal-passaport: 1286966558 (Iran)	Mehdi Gogerdchian huwa d-direttur maniġerjali tal-Iran Aircraft Manufacturing Industries (HESA) elenkata mill-UE. Il-kumpanija hija kkontrollata mill-Iran Aviation Industries Organisation (IAIO) li hija elenkata mill-UE u sussidjarja tal-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) li huwa elenkat mill-UE, li huwa responsabbli għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-industrija tal-avjazzjoni militari tal-Iran.  HESA tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-manifattura ta' ingeni tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), speċjalment id-droni Shahed, li qed jintużaw mir-Russia fil-gwerra tagħha kontra l-Ukrajna.  Għaldaqstant, Mehdi Gogerdchian huwa involut fil-programm tal-UAVs tal-Iran.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
17.	Seyed Hamzeh GHALANDARI	سید حمزه قلندری (Farsi spelling)	Pożizzjoni(jiet): viċi ministru għad-difiża tal-Iran  Data tat-twelid: 16.7.1984  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel  Numru tal-passaport: D10009455 (Iran)	Seyed Hamzeh Għalandari huwa l-viċi ministru għad-difiża tal-Iran, b'efasi fuq l-affarijiet internazzjonali fi ħdan il-ministeru.  Il-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), li huwa elenkat mill-UE, huwa responsabbli għall-industrija tal-armi Iranjana, inkluż l-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaqg (UAVs) u l-missili ballistiċi.  Fid-dawl tar-rwol ta' livell għoli tiegħu bħala viċi ministru għad-difiża, Seyed Hamzeh Għalandari huwa involut fl-iżvilupp tal-programmi tal-UAVs u tal-missili tal-Iran.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
18.	Reza Khosravi MOGHADDAM	رضا خسروی مقدم (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Attaché militari Iranjan fir-Russja  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel	Reza Khosravi Moghaddam huwa l-attaché militari tal-ambaxxata Iranjana fir-Russja, li jirrappreżenta u jippromwovi l-industrija tad-difiża ta' pajiżu. Huwa responsabbli għar-relazzjonijiet bilaterali f'dan il-qasam.  Fil-kariga tiegħu, Moghaddam huwa element mibgħut (forward element) tal-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE. MODAFL huwa responsabbli għall-industrija tal-armi Iranjana, inkluż l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi militari, bħall-ingħenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) u l-missili ballistiċi.  Fir-rwol tiegħu, Moghaddam jippromwovi b'mod attiv l-industrija tad-difiża tal-Iran, u b'mod partikolari l-kummerċ tal-armi bejn l-Iran u r-Russja, b'hekk jippromwovi l-programmi tal-Iran dwar l-UAV u l-missili.	+

+ ġu: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				<p>L-Iran jiprovdi lir-Russja b'UAVs u missili ballistiċi li qed jiġu użati mir-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għaldaqstant, Reza Khosravi Moghaddam huwa involut fil-programm tal-UAVs u tal-missili tal-Iran.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
19.	Seid Mir Ahmad NOOSHIN	سید میر احمد نوشن (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): direttur tal-Organizzazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali (AIO)  Data tat-twelid: 11.1.1966  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel  Numru tal-passaport: G9311208	Seid Mir Ahmad Nooshin huwa d-direttur tal-Aerospace Industries Organisation (AIO) elenkata mill-UE. L-AIO hija organizzazzjoni li tirrapporta lill-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE, u li għandha rwol ewlieni fil-programmi tal-ingħenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġi (UAVs) u tal-missili ballistiċi tal-Iran. L-AIO tissorvelja l-produzzjoni tal-missili tal-Iran, inkluż mill-entitajiet elenkti mill-UE Shahid Hemmat Industries Group (SHIG) u Shahid Baheri Industrial Group (SBIG).  Għaldaqstant, Seid Mir Ahmad Nooshin huwa involut fil-programm tal-missili tal-Iran.	+"

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"10.	Saha Airlines	سها (Farsi spelling)	<p>Indirizz: Ayat Saeedi St., 65 meters from Fatah, Tehran, Iran</p> <p>Tip ta' entità: entità tal-gvern</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran</p>	<p>Saha Airlines hija linja tal-ajru statali Iranjana, proprijetà sħiħa tal-Forza tal-Ajru tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Intużat ripetutament għat-trasferiment lejn ir-Russja ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) u teknoloġiji relatati magħmula fl-Iran, li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għaldaqstant, Saha Airlines hija involuta fit-trasferiment tal-UAVs magħmula fl-Iran u teknoloġiji relatati lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p>	+

+ ġu: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
11.	Mahan Air  (Ortografija Farsi)	ماهان ایر	Indirizz: No 21 Mahan Air Tower – Azadegan Street, Karaj Highway, Tehran, Iran  Postbox 1481655761  Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran	Mahan Air hija linja tal-ajru privata Iranjana bbażata f'Tehran.  Intużat ripetutament għat-trasferiment ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) u teknoloġiji relatati magħmula fl-Iran lejn ir-Russja, li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.  Għaldaqstant, Mahan Airlines hija involuta fit-trasferiment ta' UAVs magħmula fl-Iran u teknoloġiji relatati lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Iran Air (magħrufa wkoll bħala the Airline of the Islamic Republic of Iran; Homa; Iran Air Cargo; Iran Air Ground Services; Iran Air Catering)	ایران ایر (Ortografija Farsi)	Indirizz: Central Offices, Airport Boulevard, Tehran, Iran  Tip ta' entità: entità tal-gvern  Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran	Iran Air hija linja tal-ajru statali Iranjana kkontrollata mill-Ministeru Iranjan għall- Infrastruttura, u għalhekk hija subordinata għat- tmexxija militari-politika tal-pajjiż.  Intużat ripetutament għat-trasferiment ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) u teknoloġiji relatati magħmula fl-Iran lejn ir- Russja, li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar- Russja kontra l-Ukrajna.  Għaldaqstant, Iran Airlines hija involuta fit- trasferiment ta' UAVs magħmula fl-Iran u teknoloġiji relatati lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l- Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
13.	Basamad Electronic Pouya Engineering Co.  (magħrufa wkoll bħala Dynamic Electronic Frequency Engineering Limited Liability Company)	بسامد الکترونیک پویا (Ortografija Farsi)	<p>Indirizz: No. 63 Unit 4, Shahrara, Patrice Lumumba St. Abshori St., Tehran, 144593491, Iran</p> <p>Tip ta' entità: kumpanija b'responsabbiltà limitata</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 466887</p> <p>Numru tal-identità nazzjonali: 14004684489</p> <p>Individwi assoċjati: Hossein Hatefi Ardakani (uffiċjal kap eżekuttiv)</p> <p>Entitajiet assoċjati: Kavan Electronics Behrad LLC</p>	<p>Basamad Electronic Pouya Engineering Co. hija ditta tal-akkwist Iranjana. Tagħmel parti minn network tal-akkwist issorveljet minn Hossein Hatefi Ardakani, elenkat mill-UE, li huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv u l-akbar azzjonist ta' Basamad Electronic Pouya Engineering Co. Hossein Hatefi Ardakani huwa negozjant Iranjan li huwa involut, permezz tan-network tal-akkwist li jissorvelja, fil-forniment ta' oġġetti għall-ingħenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO), li hija elenkata mill-UE, li mbagħad jiġu fornuti lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p>	+

+ ġu: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				Għaldaqstant, Basamad Electronic Pouya Engineering Co. hija assoċjata ma' persuna fīzika involuta fil-programm tal-UAVs tal-Iran u fit-trasferiment ta' UAVs magħmula fl-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
14.	Iran Alumina Company (IAC) (magħrufa ukoll bħala I.A.C.; Iran Alumina Co.)	الومينات ایران شرکت (Ortografija Farsi)	Indirizz 1: 100, Somayyeh St., Tehran, Iran (uffiċċju prinċipali)  Indirizz 2: Kilometer 7 turnpike Sankhast, Jajarm, North Khorasan, Iran (fabbrika)  Post prinċipali tan-negozju: Provinċja ta' Khorasan, Iran	Iran Alumina Company (IAC) hija l-uniku produttur tal-Iran ta' ossidu tal-aluminju ( $Al_2O_3$ ) jew trab tal-alumina, li jintuża fil-manifattura ta' propellant tal-fjuwil solidu użat għall-illançjar ta' rokits u missili. Il-faċilità topera f'isem il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-produzzjoni tal-fjuwil tal-missili mit-trab tal-metall. IAC hija sussidjarja tal-kumpanija azzjonarja fil-qasam tal-minjieri u tal-metall proprijetà tal-istat Iranian Mines and Mining Industries Development and Renovation Organisation (IMIDRO), li hija kkontrollata mill-Ministeru Iranjan għall-Industriji u l-Minjieri.  Għaldaqstant, Iran Alumina Company (IAC) hija involuta fil-programm tal-missili tal-Iran.	+

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
15.	Shahid Ħaj Ali Movahed Research Center  (magħrufa wkoll bħala Shahid Movahed Industry; Shahid Mohaved Industries; SHIG Department 7500)	جاد دیهش تاقیقحت ذکر علاء دحوم (Ortografija Farsi)	Indirizz: c/o SHIG, Damavand Tehran Highway, PO Box 16595-159, Tehran, Iran  Post prinċipali tan-negożju: Tehran Province, Iran	Shahid Ħaj Ali Movahed Research Center hija sussidjarja ta' Shahid Hemmat Industries Group (SHIG), grupp industrijali elenkat mill-UE subordinat għall-Aerospace Industries Organisation (AIO) li hija kkontrollata mill- istat u elenkata mill-UE, li tappoġġa l- programm tal-missili ballistiċi bi propellant likwidu tal-Iran.  Shahid Ħaj Ali Mohaved Research Center kienet involuta fir-riċerka, l-itteşjar u l- manifattura ta' missili Iranjani. Shahid Ħaj Ali Mohaved Research Center hija direttament involuta fl-iżvilupp tal-missili, inkluż fil- kuntest ta' kooperazzjoni bejn l-Iran u r-RDPK, li minnha rċeviet appoġġ speċjalizzat għall- iżvilupp tal-missili fuq distanza twila.  Għaldaqstant, Shahid Ħaj Ali Movahed Research Center hija involuta fil-programm tal- missili tal-Iran.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
16.	Teyf Tadbir Engineering Company  (magħrufa wkoll bħala Teyf Tadbir Arya Engineering Company; Teif Tadbir Arya; Teyf Tadbir Aria)	شركة مهندسى تيف تدبير (Ortografija Farsi)	<p>Indirizz: Unit 10, No. 1, End of Baħar, Kardan Street, Patrice Street, Tehran 144596443, Iran</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 427320 (Iran)</p> <p>Individwi assoċjati: Hossein Hatefi Ardakani (uffiċjal kap eżekuttiv)</p> <p>Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO)</p>	<p>Teyf Tadbir Engineering Company hija ditta tal-akkwist Iranjana. L-uffiċjal kap eżekuttiv tagħha huwa Hossein Hatefi Ardakani, negozjant Iranjan elenkat mill-UE li jissorvelja network ta' akkwist tranżnazzjonali għal komponenti għall-ingħejji tal-ajru mingħajr ekwipaqġ (UAVs). Huwa jopera permezz tad-ditti tiegħu bbażati f'Tehran, inkluż Teyf Tadbir Engineering Company u Kavan Electronics LLC li hija elenkata mill-UE.</p> <p>Permezz tan-network ta' akkwist tiegħu, Hossein Hatefi Ardakani huwa involut fil-provvista ta' ogħġetti għall-UAVs lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) li hija elenkata mill-UE. Dawn l-ogħġetti jintużaw fl-UAVs Iranjani tas-serje Shahed, li l-Iran iforni lir-Russia b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russia kontra l-Ukrajna.</p>	+"

+ ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għaldaqstant, Teyf Tadbir Engineering Company hija assoċjata ma' persuni fiċċi u ġuridiċi u entitajiet involuti fil-programm tal-UAVs tal-Iran u fit-trasferiment ta' UAVs magħmula fl-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	